**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 910/97

Charles Azzopardi

vs

Chairman Kalaxlokk Construction u b` digriet tat-30 ta` Novembru 1999 isem is-socjeta` intimata gie korrett ghal Chairman Kalaxlokk Company Limited

Illum 8 ta` Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent espona li bejn id-9 ta' Mejju , 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall- habta ta' l-1989 huwa sofra ingustizzja f' li waqfulu 1-allowance.

Illi l-fatti tal- kaz kienu fil-qosor kif gej .

Illi hu kien beda jahdem mal-Kalaxlokk fis-sena 1983. Fiz-zmien li ilu jahdem ma din il-kumpanija hu dejjem ghamel xoghol kif suppost u bl-akbar reqqa.

Illi ghalkemm il-grad tieghu huwa dak ta' Chargehand hu jaghmel xoghol ta' WTO, hu dan ilu jaghmlu mis-sena 1983. Ta' dan kien jiehu allowance sakemm fis-sena 1989, hu ma kienx ried iservi ta' strike breaker u l-allowance waqaflu. Hu qatt ma nghata raguni ghalfejn kien waqaflu l-allowance. Nies li kienu servew ta' policy strike breakers illum hadu promozzjoni gholja.

Illi minn dak iz-zmien sa llum hu beda jiehu hafna rapporti kontrih bhala vendikazzjoni u kull darba tellghuh bord hu hareg liberat.

Illi hu jhoss li dawn l-ingustizzji qeghdin isiru mieghu ghaliex hu kien obda diterttiva tal- Union li hu membru taghha.

Illi huwa kien bi hsieb jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ta’ l-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata l-grad li haqqu, jew inkellla

jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Risposta tas-socjeta' Kalaxlokk Company Ltd. li eccepiet:-

Illi dan ir-rikors sar kontra l-Kalaxlokk Construction. Sa fejn taf il-kumpanija esponenti, qatt ma ezistiet socjeta' bl-isem ta' Kalaxlokk Construction Ltd. Certament, illum ma tezisti l-ebda kumpanija li ggib dak l-isem. Ghalhekk, galadarba r-rikors sar kontra persuna li ma tezistiex, it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi subordinatament u minghajr pregudzzzju ghal dak li intqal hawn fuq, is-socjeta' Kalaxlokk Company Limited sostnit s-segwenti:

Illi dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent stante li l-ilment tar-rikorrent ma jinwadrax ruhhu fl-artikolu 6 tal-Att VIII ta' 1-1997. Infatti l-allegazzjoni tar-rikorrent li twaqfitlu allowance ma tinkwadra ruhha fl-ebda wiehed mis-subincizi (a) sa (e) ta' l-imsemmi artikolu 6.

Illi subordinatament u fil-mertu, l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li qatt ma saret xi ngustizzja mar-rikorrent, kif jirrizulta ahjar waqt it trattazzjoni.

Ir-rikorrent beda jahdem ma' Kalafrana Construction Company f'April ta' 1-1983 bhala Skilled Labourer. Huwa baqa' jokkupa dak il-grad sal-1989, anke jekk fil-frattemp kien qed jaghmel xoghol izjed minn dak li suppost kien jaghmel impjegat dak il-grad. Ta' dan il-kumpanija kienet taghti lir-rikorrent allowance biex tikkumpensah tax-xoghol zejjed li kien qed jaghmel. Din is-sitwazzjoni kienet haga komuni hafna fil-kumpanija, b'hafna impjegati jaghmlu xoghol izjed mill-grad taghhom u jircievu allowances ghal dan ix-xoghol zejjed, bir-rizultat li ma kienx car x'kienu d-doveri ta' kull impjegat. Il-kumpanija deherilha li kellha tirregolarizza l-gradi ta' l-impjegati taghha. F'dan il-kuntest, ir-rikorrent nghata promozzjoni ghall-grad ta' Chargehand u ovvjament beda jithallas ghal dan il-grad. Kien ghal din ir-raguni li r-rikorrent ma baqax jircievi l-allowance ta' W.T.O u mhux ghax ma riedx iservi ta' strike breaker kif jallega huwa. Illi nkwantu ghall-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa beda jiehu hafna rapporti kontrih bhala vendikazzjoni u li kull darba li tellghuh bord hu hareg liberat, jigi osservat li s-socjeta' esponenti jirrizultalha li bejn l-1988 u l-1995 ir-rikorrent nghata mhux inqas minn 7 twissijet minhabba l-imgieba tieghu fuq ix-xoghol. Ghalhekk is-socjeta' intimata ma tistax tifhem kif ir-rikorrent qed jallega li hu dejjem hareg liberat.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-sopcjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fit-30 ta' Novembru, 1999 ir-rikorrent talab u ottjena l-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta' intimata fis-sens li dan gie korrett ghal "Chairman Kalaxlokk Company Limited". In vista ta' dan l-ewwel eccezzjoni ma ghadix aktar applikabbli.

Hu importanti f'dan l-istadju li wiehed jezamina l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata dwar l-inkompetenza ***ratione materiae*** tal-ilment tar-rikorrent. It-talba tar-rikorrent tirriferixxi ghal allowance li tilef ir-rikorrent talli kien jaghmel xoghol superjuri ghal dak li kellu grad tieghu liema allowance, skond kif isostni r-rikorrent, twaqqfitlu wara li ha parti fl-istrike.

Illi dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet "Godfrey Harmsworth vs Chairman Kalaxlokk Company Limited" [Rik 69/97] deciza fil-11 ta' Mejju, 1998, qal:

"Illi l-intimat qieghed isostni li dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent

stante li l-ilment ma jinkwadrax ruhu f’dak preskritt mill-artikolu 6 ta’ l-Att VIII tal-1997.

L-artikolu 6 (1) jghid hekk:

It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Ghalhekk l-ewwel rekwisit huwa li jrid ikun hemm ***ilment bil-miktub***. Dan sar mir-rikorrent.

Sekondarjament ir-rikorrent irid ***jallega li garrab ingustizzja***. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

It-tielet element hu li ***din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab***. Dan l-element certament japplika ghar-rikors in ezami. In fatti r-rikorrent qieghed jallega li dak li sar kien b'distinzjoni mieghu kif ukoll li kien hemm preferenza indebita u li dawn saru bi hsara ghalih.

Ir-raba' rekwisit hu li l-imsemmija ***ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att***. L-allegata ingustizzja saret mill-Kalaxlokk Company Limited. Issa l-artikolu 5 (1) jghid: Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, dan l-Att japplika ghall-Gvern, u ghal kull korp imwaqqaf b'ligi kif imfisser fl-artikolu 2 ta' dan 1-Att (hawn iktar 'il quddiem f'dan 1-Att msejha "il-persuni li ghalihom dan l-Att japplika"). Il-kliem "korp imwaqqaf b'ligi" kif definit fl-artikolu 2 ta' l-Att jinkludi l-intimat u ghalhekk dan ir-rekwisit hu ukoll sodisfatt.

Il-hames element hu li ***l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d)*** imsemmija. L-intimat ghamel enfasi fuq li l-ingustizzja trid tkun referibbli ghall-hwejjeg esklusivament elenkati u ghamel distinzjoni minn dak li kien jippreskrivi l-Att XV tal-1987. Dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' l-interpretazzjoni ferm restrittiva moghtija mill-intimat kif fil fatt kellu l-okkazzjoni li jaghmel fir-rikorsi "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997, u f' "Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation" deciz ukoll in parte fil-11 ta' Marzu, 1998 fejn dawn il-kazijiet pero' kien jirreferu ghal "constructive dismissal". Ir-ragunijiet ghala dawn gew milqugha jinsabu elenkati f'dawk is-sentenzi u mhux il-kaz li jigu ripetuti hawn.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent li hu impjegat ma' l-intimat. L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi. Jibqa' li jigi ezaminat l-artikolu 6 (1) (b).

Dan jirreferi ghal hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi. Jidher car li r-rikorrent huwa impjegat ta' korp imwaqqaf b'ligi. Izda t-talba tirreferi ghal hatra, promozzjoni, jew

trasferiment?… L-ilment huwa dwar allowances u mhux konness ma' hatra jew promozzjoni u l-allowances li tilef minhabba li ma inghatax tali hatra.

Dan iwassal ghal fatt li t-talba tar-rikorrent tohrog mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal."

Fil-kawza deciza mit-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet Anthony Camilleri vs Direttur Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma deciza fit-13 ta' Lulju, 2000 it-Tribunal qal:

"Issa l-kaz odjern ukoll jirrigwarda "allowances" bhala tali u mhux telf ta' allowances minhabba nuqqas ta' promozzjoni jew minhabba xi transfer. Ghalhekk it-talba tar-rikorrent tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat u jiddikjara ruhu inkompetenti "ratione materiae".

Ara wkoll is-sentenzi tat-Tribunal Charles Debono vs Direttur Generali tal-Edukazzjoni deciza fid-9 ta' Gunju, 2000 u Carmel Zahra vs Prim Ministru deciza fit-2 ta' Mejju, 2000 fl-istess sens.

Ghal dawn il-motivi, jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata.

Spejjez kontra r-rikorrent.